MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 670/2010

**Fl-atti tac-citazzjoni numru 799/1995 AM deciza mill-Prim`Awla fid-19 ta` Gunju 1995 fl-ismijiet :**

**Carmela u Theresa konjugi Micallef**

***kontra***

**Ernest Cilia**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` Carmelo Micallef u Theresa Micallef prezentat fit-2 ta` Lulju 2010 li jaqra hekk –

*Illi s-sorte, imghaxijiet u spejjez naxxenti mill-kawza suriferita ghadhom ma gewx imhallsa minn Ernest Cilia.*

*Illi l-esponenti ghandhom interess li s-sentenza tad-19 ta` Gunju 1995 terga` tigi reza ezekuttiva.*

*Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizzahom jipprocedu ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq citata, u dana soggett ghal kwalunkwe kundizzjoni li jidhrilha opportun timponi.*

Rat illi l-kontenut tar-rikors kien konfermat bil-gurament mir-rikorrent Carmelo Micallef fit-8 ta` Frar 2011 (fol 1).

Rat li ghalkemm l-intimat kien debitament notifikat skond il-ligi bir-rikors u bl-avviz tas-smigh tal-kawza huwa ma pprezentax risposta.

Rat il-kopja legali tas-sentenza moghtija fid-19 ta` Gunju 1995 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet '*Carmelo u Theresa konjugi Micallef vs Ernest Cilia' (cit. Nru. 799/95 AM)* li tinsab esebita a fol 24 sa 26.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2011 fejn halliet il-kawza *in difett ta` ostakolu* ghal-lum.

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tigi deciza llum.

**Ikkunsidrat :**

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-**Art.258 u 259 tal-Kap.12**.

Jirrizulta li s-sentenza moghtija fid-19 ta` Gunju 1995 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet '*Carmelo u Theresa konjugi Micallef vs Ernest Cilia' (cit. Nru. 799/95 AM)* ghaddiet in gudikat u ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-**Art.253(a) tal-Kap.12**.

Jirrizulta li din is-sentenza baqghet ma gietx ezegwita u ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita. Ghalhekk il-kaz jaqa` fl-ambitu tal-**Art.258(a) tal-Kap.12**.

Din il-Qorti tghid li fl-istanza taghhom tal-lum ir-rikorrenti ottemperaw ruhhom ukoll ma` dak li jipprovdi **l-bqija** tal-**Art.258 tal-Kap.12**.

Wara li qieset l-atti ta` din il-procedura, din il-Qorti tghid li hija sodisfatta li s-sentenza ghad tista` tigi esegwita u ghalhekk it-titolu ezekuttiv ghadu jiswa`.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------